# KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR
## LOCAL COUNCIL

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

---

9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 25, miżmuma nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru, 2020 fil-5.30 ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Mariella Strout — 05 ta' Novembru, 2020

Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

| | |
|---|---|
| • Alfred Grima | Sindku |
| • Daryl Connor | Viċi Sindku |
| • Graziella Galea | Kunsillier |
| • Carlos Zarb | Kunsillier |
| • Mario Joseph Salerno | Kunsillier |
| • Anthony Delia | Kunsillier |
| • Alfred Bray | Kunsillier |
| • Paul Bugeja | Kunsillier |
| • Anthony Angelo Attard | Kunsillier |
| • Antoinette Bezzina | Kunsillier |

Skużati:

- Anne Marie Fenech Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier

**25.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera Chris Vella Petroni u Anne Marie Fenech

**25.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħat Numri ( 23 ) u ( 24 )**

Paġna 2- Wara nomina jizdied 'Dawn l-emendi approvati'
Paġna 3- **item 21.7** wara kelma CSR' tal-Kumpanija'
Paġna 3- Wara VAT jizdied 'Dawn l-emendi approvati'
Paġna 3- wara irtirata jizdied 'Rigward in-nomina tas-Sur Mansueto Zerafa ma kienx hemm qbil'
Paġna 4 -Telework tizdied il-kelma 'kuljum' bejn il-kliem 'xogħol' u 'telework'
Paġna 4 - Ittra Avukat Amadeus – jizdied 'Li l-kunsill wieġeb permezz ta'l-avukat tiegħu Dr.Bonello'.
Pagna 8 **Item 23.6.1**. Jinqataw il-kliem 'Dikjarazzjoni memhuza ma dawn il-Minuti' u jizdied "Is-Sindku ta' ruling fejn qal li d-dikjarazzjoni ma tixtax tiġi aċċettata.

Tressqet mozzjoni biex il-Minuti laqgħa 23 jiġu approvati kif emendati.

Favur: Sindku Alfred Grima,Viċi Sindku Daryl Connor, Kunsilliera Carlos Zarb, Anthony Delia, Paul Bugeja, Alfred Bray, Stephen Cremona
Kontra: Kunsillier Antointte Bezziena
Astenzjonijiet: Kunsillier Graziella Galea, Anthony Attard

**<u>Minuti Laqgħa Urgenti tal-Kunsill numru 24</u>**

Paġna 1-item 24.2.1- Wara evalwazzjoni tizdied iċ-Chairman tal-Bord ta' Tender talb kjarifika dwar jekk it-tieni l-irħas tenderer kellux l-istess nuqqasijiet ta' l-ewwel irħas tenderer'

Paġna 2 – Item 24.2.3 -Wara jinstraw tizdied 'Il-Kunsill qabel illi għandha titressaq talba lill-Ministeru tal-Edukazzjoni qabel jinxtraw l-*bins on wheels*, dejjem sas-somma approvata mill-istess Kunsill'.

Minuti 24 – Gew approvati kif emendati

Il-Kunsillier Mario Salerno daħħal fil-laqgħa fis-6.23 ta' filgħaxija.

Inġibdet l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv illi milli kien qed jidher l-*live streaming* ma kienx qed jiffunzjona.

**<u>25.3 Punti mill-minuti</u>**

**PA 7499/19**

Il-Kunsill ġie nfurmat li fl-20 ta' Ottubru, 2020 l-Awtorita ta' l-Ippjanar approvat l-applikazzjoni ta' zvilupp PA 4999/19 wara li tressqu pjanti ġodda. Il-Kunsill ġie rapprezentat mill-Perit tal-Kunsill assistit mis-Sindku. Il-pass li jmiss huwa li l-avukat tal-Kunsill jipprepara riżoluzzjoni biex titressaq il-Parlament għall-approvazzjoni.

**Espressjoni ta'interess Triq Dawret il-Gzejjer**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-verifikazjoni ma l-Awtorita ta' l-Artijiet rigward l-art li tinsab fi Triq it-Trunciera għada trid issir.

**Wifi4U**

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li minn naħa tagħha għamlet kuntatt mal-Asssoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew dwar l-*procurement* ta' servizz li huwa fir-responsabilta ta' Departiment tal-Gvern Lokali. L-istess Dipartiment informa li kien problema sabiex jinstab service provider skont il-Bugit stabbilit. DLG kien informa li l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet valida.

**MTA -Information Office**



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

L-MTA ġiet infurmata li fil-prezent mhux possibbli li l-Kunsill jiffirma xi kuntratt relatat mal-Information Office għar-raguni li fil-prezent qedin isiru xi kjarifiki.

**Rapport ta' Intervisti – Operative Hand ( 2 )**

Is-Sindku qal li l-applikant magħżul ma weriex interess u għaldaqstant ser jitkompla l-proċess pubbliku. Ġie mistoqsi jekk kienx hemm xi process fir-rigward tal-ingaġġ tal-impejgati klerikali. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li għad trid tara jekk il-permess għadux validu. Is-Sindku qal li tali permess għadu validu

**Rapport ta' Evalwazzjoni – *Tender* SPB T2/2020 *Non Urban Grass Cutting***

Is-Sindku staqsa f'hiex kien wasal il-proċess. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li sa dak il-ħin kien għad ma hemm ebda oġġezzjoni. Ic-Chairperson tal-Bord ta' Tenders sostna li jekk ma jkun hemm ebda oġġezzjoni sal-ħin stipulta, jitmexxa l-proċess.

Rigward tqegħid ta' dgħajjes u opri tal-baħar f'xi parti mill-lokalita, il-Kunsill ġie infurmat li l-laqgħa ma saritx għax membru tal-Bord kien kwarantina.

**Pulizija fil-Komunita**

Is-Sindku Alfred Grima informa li l-laqgħa skedata ghat-23 ta' Ottubru 2020 mal-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa u l-għola Uffiċjali mill-Korp saret. Fiha ġew elenkati diversi punti li jolqtu mill-qrib l-infurzar ta' liġijiet madwar il-lokalita. B'mod ufficjali l-Kummissarju tal-Pulizija nforma li l-lokalita ta' San Pawl il-Baħar se tiddaħħal fl-iskema "Pulizija fil-Komunita". Għall-laqgħa flimkien mas-Sindku Alfred Grima attendew il-Vici Sindku Daryl Connor u s-Segretarju Ezekuttiv Ms Mariella Strout. Il-Kunsillier Anthony Delia staqsa jekk hemm xi data meta dan ser jinbeda. Is-Sindku spjega li sabiex dan is-servizz jinbeda, hemm process sħiħ u jrid isir ir-rekrutaġġ. Żied jgħid li anke' kellu laqgħa mas-Sezzjoni Kriminali.

**Punti mill Minuti 24**

**Xiri ta' Bins–on Wheels u Wheelie Bins**

Il-Kunsill ġie infurmat li ser tinħareġ sejjħa għal kwotazzjonijiet

**<u>25.4 Kommunikazjoni</u>**

**Ħajt ta' ilqugħ – Sirens Waterpolo Pitch**

Il-Kunsill irċieva email mibgħuta mill-Kunsillier Stephen Cremona rigward il-preokkupazzjoni tiegħu dwar l-impatt negattiv li jaf iħalli fuq iz-zona ta' madwar il-pitch tal-waterpolo tas-



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

Sirens il-ħajt li nbena ftit ilu bħala ilqugħ għal-istess pitch dan f'dawl tal-ħsarat li kienu saru fil-maltemp ta' 2019. Ġie mistoqsi jekk kienx hemm pjan ta' xogħolijiet. Il-Kunsill qabel għandu jitlob il-parir tal-Perit tal- Kunsill u wara mal-Perit tal-Gvern. Għandu jiġi nfurmat il-Perit tal-proġett. Kif jitlesta rapport mill-Perit tal-Kunsill għandu jintbagħat lil Awtorita ta' Ippjanar.

**Laqgħa mal-Kumitat Olimpiku Malti**

Il-Kunsill ġie nformat li li nhar is-27ta' Ottubru, 2020 inzammet laqgħa mal-Kumitat Olimpiku, dawn ressqu proposta biex b'kolloborazzjoni mal-Kunsill isiru numru ta' inizzjattivi għall-titjieb ta' Gnien Olimpiku, Xemxija. Infurmaw, li l-Kumitat Olimpiku kummissjona biex isir bust gdid ta' Baron Pierre de Coubertin biex jieħu post dak li kien insteraq snin ilu. Jissuggerixxu li tinħoloq xi struttura li tfakkar l-Atleti Maltin li ħadu sehem fil-logħob Olimpiku. Infurmaw li s-sena d-dieħla hi s-sena Olimpika u li fis-sena 2023 se jsiru l-logħob ghall-pajjizi z-zgħar fejn diversi persuni distinti sejrin jiġu mistiedna jħawlu siġra fl-imsemmi ġnien. L-MOC infurmat li lesti li jikkontribwixxu finanzjarjament għal dan it-tisbiħ. Ġie sostnut li l-Bord responsabli mill Sports f'ħdan il-Kunsill għandhom is-segwu din l-inizjativa. Is-Sindku spjega li tinħareġ xi tip ta' sejħa ta' espressjoni bl-idejat, hekk kif jissemma l-imejl li diġa' ġiet mgħoddija lilhom. Ġie irrimarkat li l-Kunsilliera għandhom jinzamu nfurmati b'dati ta' l-attivitajiet.

Il-Kunsill qabel dwar l-inizjattiva.

**Child Care Facility Triq Parades - Enlighting/boarding bay PA 166/20 (15/10/20)**

Saret komunikazzjoni mal-Kunsill rigward li fi Triq Parades issir enlighting/boarding bay wara li Awtorita ta' l-Ippjanar approvat permess għal Child Care Facility PA166/20. Huwa mifum, li Artikolu 3.3 Supplemantary Planning Policy Guidance - Child Care Facilities maħrug mill-Awtorita ta' l-Ippjanar fi Frar 2017, jipprojbixxi li jigu kkunsidrati postijiet għal child care facilities f'toroq arterjali u distributorji jew toroq ta' traffiku tqil. Dan minħabba l-prezenza mhux mixtieqa ta' tniġġiz u storbju, kif ukoll riskju ta' inċidenti tat-traffiku.

Il-Kunsill ma approvax din l-applikazzjoni.



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

**Korrispondenza mingħand Skrivana**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-impjegata li kellha tirritorna lura minn *sick leave*, bagħtet ir-riżenja tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv informat li din l-impjegata kienet fuq l-*unpaid*.

**Bollards Salini – Bugibba**

Saret rikjesta biex jinghalaq l-access ghal akkwati tas-Salini li hemm magenb il-moll ta' Bugibba biex dawn ma jibqawx jigrilhom hsara. Il-proposta hi, li jsiru bollards li jinqalaw qrib il-live Cam. Ġie mistoqsi jekk it-talba saritx minn Heritage Malta. Is-Sindku wieġeb li t-talba saret mill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu

Il-Kunsill approva

**Funtana f'Ghajn Razul**

Il-Kunsill irċieva proposta mingħand is-Sur Noel Mercieca, Manager FTZD, mill-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni fejn il-Fondazzjoni offriet li l-ħaddiema tagħhom jagħmlu il funtana f'Għajn Razul tiffunzjona kemm il-darba l-Kunsill iġib is-servizz tad-dawl u ilma u jħallas tal-materjal meħtieg.

Il-Kunsill qabel mall-kunċett u li jitħallsu l-ispejjez tal-materja prima.

**Reġjun Tramuntana- tizjin tal-Milied**

Regjun Tramuntana approva somma flus sa massimu ta' €1,000 għal tizjin tal-Milied bil-kundizzjoni li l-emblema tar-reġjun tifforma parti mid-dekorazzjoni u li din l-għotja tissemma fuq il-midja socjali. Hemm ħtiega li kunsill jibgħat ittra formali fejn jindika dak li sejjer isir kif ukoll li tintbaght invoice sabiex isir il-ħlas.

Il-kunsill accetta l-proposta u rringrazzja lir-Regjun Tramuntana ghal din l-inizjattiva.

**Rikjest dwar l-uzu ta' l-embelma**

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand kumpanija privata li fi hdana ghanda orġanizzazjoni volontarja bbazata fuq il-ħolqien ta' programmi li jinfluwenzaw is-saħħa tat-tfal u l-familja. Dawn għamlu rikjesta biex il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-istruttura tal-bnadar tal-Kunsill tintuza biex tittajjar bandiera tad-ditta tagħhom mal-bnadar l-oħra għal ftit jiem.

Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta.

**Punt 25.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku qal li l-Kunsillier Graziella Galea staqsiet x'kien il-valur totali tal-vawċers li nħarġu mill-Kunsill għal *neutering*. Fil-preżent mhux possibli li jingħata total ta' kemm inħarġu vawċers. Dan minħabba l-fatt li għal dan is-servizz hemm prezzijiet differenti u li għad hemm *cat feeders* li għadhom ma ħadux il-qtates għand il-veterinarju. Il-valur massimu ma għandux jeċċedi l-valur ta' €3,000 eskluż il-VAT.
Il-Kunsillier Graziella Galea staqsiet dwar tweġibiet oħra. Is-Sindku wieġeb li dawn diġa' ġew mogħtija qabel.

**25.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

25.6.1 Rapport ta' Evalwazzjoni – Xiri ta' Bibien Eroko

Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa' approva l-*upgrading* tal-latrini pubbliċi kollha madwar il-lokalita'. Il-latrina pubblika ta' ħdejn Sirens Aquatic Pitch, għalkemm kien hemm *BOQ* għalija wkoll, ħass li din ma għandhiex tkun inkluż mal-oħrajn peress li fil-viċinanzi qed isir proġett u b'hekk il-Kunsill ikun qed jirriskja li jkun hemm ħsarat, kif fil-fatt ġara. Sabiex din tingħalaq għaliex għad hemm bieb imkisser u kien hemm fejn qas bieb ma kien hemm, tħalla hekk propju minn Sirens Aquatic Pitch. Ġie mistoqsi jekk dan għadux hekk. Is-Sindku qal li sar bieb u *cupboard* temporanju minħabba d-dawl. Għaldaqstant is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tinħareġ kwotazzjoni għal xiri u parti tranġar ta' bibien. Daħlet kwotazzjoni waħda. Ġie mistoqsi jekk dawn il-kwotazzjonijiet jintbagħtux b'imejl. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u li jintbagħtu wkoll lill-Kunsill kollu. Aktar ma jkun hemm aktar aħjar u kull min ikollu kuntatti jista jressaqhom. Is-Sindku żied jgħid li dawn il-bibien ser jitpoġġew fuq il-post meta jitlob il-Kunsill sabiex b'hekk l-ewwel issir il-manutenzjoni tal-post. Is-Sindku qara l-prezzijiet u l-prodott li waslu u l-Kunsillier talbet li tkun taf min hija l-Kumpanija li bagħtet il-kwotazzjoni. Għalkemm għall-ewwel ma kienx hemm qbil li jissemma' isem il-Kumpanija, wara ġie deċiż li jingħad, St Anthony Wood Works. Is-Sindku propona li jinxtraw 4 bibien l-istess għall-valur ta' €3,920 eskluż l-VAT u kollox inkluż. Il-Kunsill qabel.

## 25.7 Ismijiet ta' toroq

Is-Sindku informa li l-Kunsill intalab jagħmel laqgħa mal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq wara talbiet li ressaq il-Kunsill stess. Minn naħa tagħhom kien hemm proposta dwar diversi toroq li hemm bżonn jingħataw isem. Dan il-punt għandu jerġa jittella' f'laqgħa oħra sabiex il-Kunsill iressaq proposti minn qabel. Apparti dan issemmiet il-problema ta' Triq San Pawl il-Baħar, din saret triq abitata' ferm u l-isem qed iħawwad lil diversi. Is-Sindku semma li sal-lum stess talab u saret imejl lill-istess Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq sabiex ikun speċifikat l-ammont ta' snin li jridu jgħaddu wara li persuna tkun mietet, sabiex tissemma' triq għaliha. Is-Sindku semma' li għandna persuna fil-lokalita' li għamlet unur, il-Bayzo. Il-Kunsillier talab sabiex iressaq xi ismijiet, iżda kien informat mis-Sindku li dawn għandhom jintbagħtu b'imejl lill-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa li jmiss. Il-Kunsillier semma' li f'dik iż-żona hemm triq li jisimha *St Paul's by the sea*. Insista li sabiex ir-residenti jbiddlu d-dokumenti kollha meta jsir bdil ta' isem ta' triq, hija kedda. Is-Sindku wieġeb li t-talba waslet mingħand il-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq fuq talba tar-residenti stess. Il-Kunsillier sostna li ma qabilx li jkun hemm bdil. Il-Kunsillier talbet li jkunu jafu kemm hemm toroq li jridu jingħataw isem. Is-Sindku qal li kollox ikun diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 25.8 *Overtime* tal-ħaddiema tal-Uffiċċju Amministrattiv

Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġibed l-attenjoni tal-uffiċċju amministrattiv li l-*overtime* tal-ħaddiema irid jitla' għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dan ikun ikun approvat. Ġie spjegat li din hija l-ewwel darba li nġibdet l-attenzjoni dwar l-*overtime* tal-ħaddiema għandu jkun approvat mill-Kunsill, *overtime* bil-quddiem u anke' dak li ser għas-sena li ġejja. Għaldaqstant din l-approvazjoni ser tintalb darba fis-sena sabiex tkun koperta is-sena kollha.

Il-Kunsill approva l-*overtime* neċessarju għall-ħaddiema kollha. Il-Kunsillier Graziella Galea qalet dan dejjem skond il-bżonn tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Carlos Zarb issekonda. Il-Kunsill approva.

## 25.9 *Telework* marbut maż-żmien il-pandemija Covid-19

Is-Sindku informa lil Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġibed l-attenjoni tal-uffiċċju amministrattiv dwar *telework*. Is-Sindku fakkar li aktarx jekk jiftakar sew kienet it-13-il-laqgħa tal-Kunsill fejn il-Kunsill kien ser jiltaqa' u kellha titħassar il-laqgħa b'mod immedjat. Kienu ħarġu struzzjonijiet avolja ma kellniex bżonnha għaliex il-liġi tagħti l-fakulta' li f'kas ta' emerġenza l-Kunsill jaġixxi biex jagħti s-servizz. Il-Kunsillier staqsiet kif id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jitlob dawn l-approvazjonijiet. Is-Sindku qal li qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill għat-*telework* li sar fiż-żmien marbut mal-pandemija Covid-19. Fir-realta' dan diġa' kien hemm approvazzjoni għalih imma issa jriduha sempliċi għalhekk biss. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet u kif ukoll għaż-żmien futur jekk jinħass il-bżonn. Il-Kunsillier Paul Bugeja żied jgħid li skonda il-ħtieġa. Il-Kunsiller Alfrey Bray qal li għandna nħallu f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv u dak li jkun approvat minnha, ikun approvat mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn ta' minuta. Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li dawn affarijiet tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku fakkar il-liġi li l-uffiċċju amministrattiv jaqa' taħt totalment is-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li la qed titlob approvazzjoni mill-Kunsill, ma jaqax taħt is-Segretarju Eżekuttiv kompletament. Żied jgħid illi s-Segretarju Eżekuttiv taqbad linja u l-Kunsill jimxi magħha.

**25.10 Laqgħa Annwali**

Il-Kunsill qabel li l-Laqgha Annwali tinzamm fit-11 ta' Dicembru, 2020 @5.30
ta' filgħaxija fis-sala tal-uffiċċju amministrattiv.

**Punt 25.11 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi**

**25.11.1 Kwotazzjoni : *Upgrading* ta' *laptops***

Il-Kunsill approva t-tiswija ta' diversi laptops għall-prezz ta' **€1,014** kif ukoll ix-xiri ta' zewġ laptops ġodda għal prezz ta' mhux aktar minn €800 + VAT ghat-tnejn.

**25.11.2 Kwotazzjoni Dwal tal-Milied Triq Toni Bajjada** –

Is-Sindku Alfred Grima nforma, li ftit zmien ilu ġie konxju li t-tizjien ta' Triq Tony Bajjada u l-pjazza ta' quddiem il-knisja ma kienx inkluz fit-Tender imma kien qiegħed jitħallas mill-Kunsillier Stephen Cremona. Filwaqt li f'isem il-Kunsill irringrazzjah għal dan il-ġest, huwa



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-irħas stima minn tnejn li ġew sottomessi għall-prezz ta' € 2,195 excluding VAT (5 + 6 Motifs).

Ġie deciz ukoll, li possibilment tizdied Motif oħra għal pro-rata tal-prezz.

25.12.3 Pagamenti Pendenti- Saret diskussjoni dwar kull pagament li ġie prezentat. It-tieħdu diversi voti fuq parti sostanzjali fuq il-pagamenti prezentati għalhekk dawn ser jitellaw bħala dokument anness ma dawn il-minuti

25.12.4 Approvazzjoni ta' skeda ta' pagamenti –

- Servizz ta' ġbir extra ta' skart mill-Cleansing & Maintenance Division, Ottubru 2020 - €896.78. Peress l-invoice ta' dan il-pagament waslet il-Kunsill meta kienet tlestiet l-iskeda kien hemm qbil li titħallas izda titnizell fl-iskeda li jmiss.

L-iskeda tal-pagamenti giet approvata

**Xiri ta' Servizzi/ oġġetti**

- Ħofor għall-arbli Triq il-Korp tal-Pijunieri u ħofra fil-pjazza għas-siġra tal-Milied
  Il-Kunsill ġie pprezentat bl-uniku kwotazzjoni li daħlet u din tammonta għal €1,1795.45 + VAT. Inkluz fil-kwotazzjoni hemm l-għotjin tal-ħadid fondut.
- Il-Kunsill approva mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima u sekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja għall-ħrug ta'sejħa pubblika għal-xogħolijiet ta' infrastruttura, manteniment ta' ħitan, bankini u dak generali.
- Servizz ta' ġbir extra ta' skart mill-Cleansing & Maintenance Division, Ottubru 2020 - €896.78.

**<u>25.12 Aġġornament għal laqgħa li jmiss</u>**

L-Aġġornament sar għal nhar il-Ħamis 10 ta' Diċembru 2020 fil-5.30 ta' fil-għaxija.

**11**